MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 55/1999/1

**Philippa Briffa, Marianna Frendo, Agnes D'Anastasi**
**vs**
**Carmelo Agius u Josephine Calleja**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-atti tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti Philippa Briffa, Marianne Frendo, Agnes D'Anastasi, Carmelo Agius u Josephine Calleja, ahwa Agius jigu ulied Paolo u Antonia mizzewgin Agius;

Premess illi l-imsemmi Paolo Agius miet fil-21 ta' Frar 1985 (Dok A).

Premess illi l-imsemmija Antonia Agius mietet fis-16 ta' Ottubru 1984 Dok B;

Premess illi l-kontendenti huma eredi fi kwoti indaqs bejniethom u cioe' parti wahda minn hamsa (1/5) kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

Premess illi d-defunti fuq imsemmija ghamlu zewg (2) testmenti "unica charta" maghmula atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta' Dicembru 1975 u 11 ta' Awissu 1984 (Dok C u Dok D).

Premess illi mit-testmenti imsemmija jirrizulta diversi legati u prelegati fosthom dawk mhollija favur il-konvenuti sabiex dawna jiehdu certi propjetajiet immobbiljarji akkont ta' sehemhom.

Premess illi l-konvenuti qatt ma ghamlu debita talba ghall-legati u prelegati imsemmija.

Premess illi l-konvenuti ma jistghux aktar jitolbu l-legati u prelegati imsemmija billi idekorra z-zmien relattiv tal-preskrizzjoni.

Premess illi l-kontendenti ghad ghandhom diversi propjeta' mobbli u immobbli in komunjoni bejniethom inkluz il-propjetajiet li kienu mhollija bil-legati u prelegati imsemmija (liema legati u prelegati illum spiccaw).

Premess illi l-kontendenti ma ftehmux dwar qasma bonarja u l-atturi ma jrridux li jibqghu aktar fi stat ta' komunanza.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tiddikjara illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu aktar il-legati u prelegati imsemmija fit-tesmenti "unica charta" maghmul atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta' Dicembru 1975 u 11 ta' Awissu 1984 billi d-dritt l-istess legati u prelegati huma estinti bl'gheluq taz-zmien relattiv ta' l-preskrizzjoni.

2. Tiddikjara illi l-propjetajiet kollha illum posseduti in kommunjoni bejn il-partijiet komprizi dawk li kienu

imhollija fil-legati imsemmija huma posseduti kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) indiviza kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

3. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta’ Paola u Antonia konjugi Agius, inkluz il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom.

4. Taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati f’porzonijiet ta’ valur ugwali bejn il-kontendenti okkorendo n-nomina ta’ perit ghall-likwidazzjoni, divizjoni u stimi ta’ licitazzjonijiet mehtieg.;

5. Tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lil-kontendenti skond pjan ta’ divizjoni maghmul mill-perit imsemmi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku jew delegat tieghu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-kuntratt relattiv u tiffissa data, hin u lok ghall-istess.

7. Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci.

8. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond ir-rizultanzi ta’ l-kaz a tenur ta’ l-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet Phyllis Briffa et vs Carmelo Agius numru 4455/98 MI. kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u biex jixhdu.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet** tal-konvenuti a fol. 53 tal-process fejn qed jeccepixxu:

1. Illi l-ewwel zewg talbiet tal-attur huma nfondati billi l-esponenti ilhom ghal hafna snin jippossiedu tal-legati ossia prelegati lilhom imhollijin fit-testment tal-genituri taghhom, u ghal dawk it-talbiet tosta l-preskrizzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kap. 16.

2. Illi ghalhekk l-assi li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet ma jinkludix is-sostanzi imhollijin lill-esponenti b'legat.

3. Illi salv il-premess, l-esponenti ma jopponux id-divizjoni jew jekk inhu l-kaz il-licitazzjoni, u qatt ma opponew id-divizjoni bonarja tal-propjeta' komuni, anzi kienu l-atturi li sfrattawha, u ghalhekk l-esponenti ma ghandhomx ibatu ebda spejjez ta' din il-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol 238A;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-diversi noti u rikorsi pprezentati mill-kontendenti;

**KONSIDERAZZJONJIET**

Illi b'verbal tas-7 ta' Ottubru 2005 dina l-Qorti kellha tiddeciedi dwar it-tieni u t-tielet talba attrici u wara tipprovvdi dwar l-istimi li jkun hemm bzonn li jsiru.

Jirrizulta li l-partijiet diga qasmu xi oggetti li kienu jappartjenu lilll genituri taghhom izda ghadhom ma qablux dwar kif se jaqsmu l-kumplament. Kien anke tqabbad perit biex jaghmel xi stimi izda imbaghad ma jaqblux dwar xi prelagati u legati u jekk dawn kellhomx jittiehdu in konsiderazzjoni fil-qsim tal-kumplament. Kien hemm ukoll nuqqas ta' ftehim dwar l-oggetti mobbli, bhal ghamara u deheb.

Din il-Qorti diga kienet iddecidiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

Il-konvenuti kienu eceppew li:

*L-ewwel zewg talbiet ta' l-atturi huma nfondati billi l-esponenti ilhom ghal hafna snin jippossiedu tal-legati ossia prelegati lilhom imhollijin fit-testment tal-genituri taghhom, u ghal dawk it-talbiet tosta l-preskrizzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kap. 16.*

Din il-Qorti kienet iddecidiet din l-eccezzjoni billi qalet li kienet qed tilqa' l-eccezzjoni imsemmija fis-sens biss li l-konvenuti ghad ghandhom dritt ghal legati mhollija mill-genituri taghhom u ma laqghetx l-ewwel talba ta' l-atturi li l-konvenuti ma jistghux jitolbu aktar il-legati u prelegati imsemmija. Il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula mill-Qorti f'dik is-sentenza huma kollha dwar iz-zmien ghall immissjoni fil-pussess ta' legat u mhux dwar preskrizzjoni akkwizitiva.

Il-Qorti rat l-elenku tal-proprjetajiet ezibit mill partijiet u principalment issa trid tiddeciedi jekk iz-zewg immobbli, l-ghalqa Tal-Barrakki li tinkludi r-razzett, fil-kontrada ta' l-Ghodor, Buskett, Zebbug u r-raba f'Tal Plieri, ghandhomx jifformaw parti minn din id-divizjoni u ssir stima taghhom.

L-atturi jissottomettu li dawn l-immobbli ghandhom jigu stmati billi dawn gew mhollija lill konvenuti akkont ta' sehemhom. Il-konvenuti ma jaqblux billi jikkontendu li dawn gew akkwistati minnhom bil-preskrizzjoni ta' ghaxar snin skond l-artikolu 2140(1) tal-Kap 16 u ghalhekk m'ghandhomx jifformaw parti mill-assi tal-genituri in divizjoni.

Dwar il-kontestazzjoni tal-konvenuti li huma akkwistaw dawn l-immobbli permezz tal-preskrizzjoni akkwizitiva, l-artikolu 2140 jipprovvdi li

*(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi haga immobbli ghal zmien ta' ghaxar snin, jakkwista l-proprjetà taghha.*

*(2) Jekk it-titolu jkun gej minn att li, skond il-ligi, ghandu jkun inskritt fir-Registru Pubbliku, iz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi hlief mill-jum ta' l-iskrizzjoni ta' dak l-att.*

Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti diga kellhom dawn l-immobbli fil-pussess taghhom meta l-genituri taghhom kienu ghadhom hajjin u ma kellhomx semplicement id-dritt ghal-legat jew prelegat. Huma kienu jafu li dak li kellhom kien se jkun akkont ta' sehemhom meta ssir id-divizjoni. Il-konvenuti dejjem kienu jafu li l-wirt kien ghad irid jinqasam u ghalhekk ma jistghux jippretendu li huma kellhom l-*animus domini* kif jirrikjedi l-artikolu 2140 fuq imsemmi.

Illi mit-testment ezibit, dak tal-1975 jidher car li l-intenzjoni tal-genituri tal-kontendenti kienet li l-konvenuti jigu preferuti fl-ghazla ta' x'kellhom jiehdu mill-eredita' izda dak li kellhom jiehdu kellu jkun sehemhom anticipat mid-divizjoni li kellha ssir aktar il-quddiem. Dak li kien inghata kien akkont ta' sehemhom. Gara pero' li bit-testment tal-1984 il-prelegat Tal Plieri li kien thalla konvenuta Josephine Calleja thallielha bhala legat u dan mhux akkont ta' sehemha imma biex tigi kumpensata (ara fol 15).

Ghalhekk waqt li l-immobbli li mess lill Josephine Calleja m'ghandhux jifforma parti mid-divizjoni, dak li mess lill konvenut Carmelo Agius ghandu jifforma parti u jrid jigi stmat.

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni li l-fond 50, Tal-Grazzja Str, Zebbug ghandu jifforma parti mid-divizjoni u ghalhekk jigi stmat.

Dwar ir-raba Tal-Gandott u tal-Hruf, dawn mhumiex parti mill-wirt. Dawn kienu bi qbiela ghand missier il-kontendenti li kien irrinunzja ghal qbiela favur il-konvenut Carmelo Agius u s-sid kien dawwar dan ir-raba bi qbiela fuq il-konvenut. Hadd mill-atturi m'ghandu xi dritt fuq dina r-raba li tinhadem mill-konvenut (ara ricevuti a fol 287 et seq).

Il-kontendenti mhux qed jaqblu dwar il-mobbli li fadal x'jinqasam. Jidher li l-ghamara ghandha tehodha l-attrici Philippa Briffa skond it-testment tal-1984 Artikolu 3.

Dwar il-konfratija, l-atturi qed isostnu li dina kienet qadima, u tmermret u spiccat, mentri l-konvenut Carmelo Agius qed jghid li din qeda ghand Ronald Briffa. Il-Qorti ezaminat ix-xhieda prodotta u partikolarment ix-xhieda ta' Philippa Briffa (ara fol 147 u 278) u hi tal-fehma li dina l-konfratija ghadha fil-pussess ta' Philippa Briffa u ghandha tifforma parti mid-divizjoni.

Dwar it-*tractor*, il-partijiet mhux qed jaqblu ta' minn kien. L-atturi jghidu li dan kien ta' missierhom u kien jiswa Lm2,000 u hadu l-konvenut Agius. Il-konvenut pero' jghid li t-*tractor* xtrah gdid u pprezenta l-*log book* a fol. 236 biex jipprova dana. Il-Qorti ghalhekk in vista ta' dina l-prova li ma gietx kontestata mill-atturi tiddeciedi li dan it-*tractor* m'ghandux jifforma parti mid-divizjoni. Lanqas ma ghandhom jiffurmaw parti l-ghodod imsemmija fl-artikolu 5 tat-testment tal-1975.

L-atturi semmew li fost il-mobbli ghandhom jigu inkluzi 12 il-barrin, 6 nghagiet u 200 tigiega. Il-konvenut jghid li dwar dawn ma ngabu ebda provi u li meta miet missierhom hu kien diga zarma u ma kienx jiflah (ara xhieda a fol 297). Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti f'dan ir-rigward u tikkonkludi li l-atturi ma pprovawx dak li allegaw, u jidher li missier il-kontendenti kien diga zarma minn dan ix-xoghol qabel miet. Ghalhekk ma hemmx xejn x'jigi inkluz fid-divizjoni f'dan ir-rigward.

Dwar id-deheb il-konvenuti jissottomettu li dan baqa' ghand l-attrici Philippa Briffa, mentri skond it-testment tal-1975 fl-artikolu 7, hemm provvdut li dan id-deheb kellu jinqasam. L-attrici Philippa Briffa xehdet li dan id-deheb qieghed ghandha u pprezentat stima tieghu (ara fol. 293).

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi li
Dwar it-tieni u tielet talba li
il-proprjetajiet kollha posseduti in kommunjoni bejn il-partijiet komprizi dawk li kienu mhollija bl-legati, huma

posseduti kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) indiviza kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

Is-segwenti  ghandhom jifformaw parti mid-divizjoni:

**Ghalqa tal-Barrakki li tinkludi razzett;**
**Dar 50, Triq il-Grazzja, Zebbug;**
**Konfratija;**
**Deheb**

Ai fini ta' l-istima tinnomina lill Perit David Pace
Spejjez tal-perizija bin-nofs bejn il-partijiet;
Spejjez ta' dina s-sentenza riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------